**Kunsill Reġjun Punent**
Ċentru Kristu Ragħaj, It-3 Sular, Is-Seminarju tal-Arċisqof, Triq tal-Virtù, Rabat, Malta
E | reġjun-punent.dlg@gov.mt T | 22266602

**L-Ewwel Leġislatura Reġjun Punent**

**Minuti** Numru **48**

Laqgħa tar-Reġjun Punent

Il-Kunsill Reġjonali Punent iltaqa' nhar it-Tlieta 29 ta' April, 2025 fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz **Ċentru Kristu Ragħaj, 3rd Floor, The Archbishop's Seminary, Rabat** fil-17:30 ta' filgħaxija.

---

**PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:**

| | |
|---|---|
| President: | Is-Sur Sandro Azzopardi |
| Il-Qrendi: | Viċi President is-Sur David Michael Schembri |
| Ħaż-Żebbuġ: | Kunsillier is-Sur Mario Attard |
| Is-Siġġiewi: | Sindku s-Sur Julian Borg |
| Ħal Kirkop: | Sindku s-Sur Matthew Agius Zammit |
| Ħal Safi: | Sindku s-Sur Johan Mula |
| Iż-Żurrieq: | Sindku s-Sa Rita Grima |

**PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| L-Imdina: | Sindku s-Sur Peter Sant Manduca |
| Ħad-Dingli: | Sindku s-Sur Raymond Schembri |
| L-Imqabba: | Sindku s-Sa Grace Marie Zerafa |
| Rabat: | Sindku s-Sur Alexander Craus |



Il-laqgħa ġiet ippreseduta mill-President Sandro Azzopardi u nfetħet fil-17:45 ta' filgħaxija.

**48.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

**48.01.01** Ir-Reġjun Punent irċieva ittri t'apoloġija Skont Ordni Permanenti 14A (3) mingħand is-Sindku tal-Imdina s-Sur Peter Sant Manduca u s-Sindku ta' Ħad-Dingli s-Sur Raymond Schembri, is-Sindku tal-Imqabba s-Sa Grace Marie Zerafa u s-Sindku tar-Rabat is-Sur Sandro Craus.

**48.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 47;**

Il-President ressaq għall-approvazzjoni l-Minuti tal-Laqgħa Numru 47 li saret nhar is-27 ta' Marzu 2025.

Sekondant: is-Sindku ta' Ħal Safi s-Sur Johan Mula.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**48.03 Punti mqajma mill-Minuti.**

**48.03.01** Nhar id-09.04.25 kien ippubblikat il-flipbook bl-attivitajiet tal-Gimgħa Mqaddsa fir-Reġjun Punent.

**48.04 Komunikazzjoni mill-President.**

**48.04.01** Nhar il-25.03.25 irċevejna mingħand il-GreenPak Coop Society Ltd. il-Bi-Annual Report fuq recycling point li huma mħaddma min-naħa tagħhom għas-sena 2024. B'din id-data il-Manager tal-iskart issottometta lill-ERA il-Bi-Annual Report ta' Reġjun Punent għas-sena 2024.

**48.04.02** Nhar is-26.03.25 irċevejna mingħand id-DLG li l-managers huma intitolati għal Qualification Allowance skont il-kriterji tal-PSMC.

**48.04.03** Nhar is-27.03.25 irċevejna mingħand id-DLG in-New Collective Agreement for Clerical Employees u l-Assimilation Process.

**48.04.04** Nhar is-27.03.25 irċevjna Ċir. AKL 2025/028 - Opportunità għal inizjattiva dwar il-kura medika Ċiniża.

**48.04.05** Nhar it-28.03.25 il-Manager tal-Fondi Lokali u Ewropej kellha laqgħa ma' rappreżentanta minn Festivalfinder.eu. Dan huwa ffukat fuq promozzjoni ta' avvenimenti relatati mal-arti organizzati fl-Ewropa, fil-format ta' festivals, speċifikament dawk li jseħħu fuq diversi jiem. Ġie ċċarat li avvenimenti ta' ġurnata waħda li jdumu biss ftit sigħat mhumiex eliġibbli biex jittellgħu fuq is-sit. Is-Sa Davina offriet li tirrevedi lista ta' avvenimenti kulturali li qed jiġu organizzati fir-Reġjun tagħna u tagħtina pariri dwar liema minnhom jissodisfaw il-kriterji tas-sit għas-sottomissjoni.

**48.04.06** Nhar it-28.03.25 irċevejna mill-Gozo Regional Development Authority li ħabbru l-konferenza li jmiss: ir-Reġjonalità ta' Għawdex: Nesploraw għażliet ta' Awtonomija għal Għawdex fi ħdan l-Istat ta' Malta.

**48.04.07** Nhar it-28.03.25 il-Manager tal-Proġetti informa lis-Sindki li l-estensjoni fuq il-proġett tal-latrini pubbliċi b'sistemi awtomatiċi waslet biex tagħlaq fl-aħħar ta' Marzu. Fakkar li dawk li lestew ix-xogħol relatat mar-ristrutturar tal-latrini għandhom immedjatament jibagħtu d-dokumentazzjoni relatata skont l-SPI biex jiġi affettwat il-ħlas min-naħa tar-Reġjun u biex tintbagħat lid-DLG għall-approvazzjoni. Il-Kunsilli Lokali li għadhom

għaddejjin bl-implimentazzjoni tal-proġett imsemmi, huma mitluba biex mill-aktar fis possibbli jibagħtu lir-Reġjun bil-miktub fiex wasal l-andament tax-xogħol u kemm fadallu sabiex jitlesta. Dan għaliex ir-Reġjun huwa obbligat li jgħaddi l-informazzjoni mibgħuta minnkom stess lid-DLG, ħalli tiġi evalwata data oħra għall-estensjoni biex jiġi finalizzat il-proġett.

**48.04.08** Nhar it-28.03.25 irċevejna mingħand id-DLG - SPI.SCI.08.2025 - Servizz ta' kura tat-tfal (Childminding), fejn dan il-finanzjament ser jipprovdi servizzi ta' childminding għat-tfal tal-membri tal-kunsill waqt il-laqgħat statutorji, kif ukoll joffri ambjent aktar inklussiv, aċċessibbli u flessibbli.

**48.04.09** Nhar it-28.03.25 irċevejna mid-Dance Beyond Borders, li rringrazzjaw lil dawk kollha li attendew għall-avveniment tan-Networking RWM25. Qed jaħdmu sabiex aktar nies jimpenjaw ruħhom mal-festival b'diversi modi fosthom: Social Media Engagement, Parteċipazzjoni f'avvenimenti u torganizza avveniment.

**48.04.10** Nhar it-28.03.25 irċevejna mingħand is-Sur Agius fejn dan infurmana li d-direttorat qed jaġġorna l-informazzjoni dwar binjiet li jaqgħu taħt ir-responsabbilità tal-Kunsilli Reġjonali jew Lokali.

**48.04.11** Nhar it-30.03.25 sar it-turnament tal-futbol ġewwa l-Qrendi fejn minbarra l-logħob tal-futbol il-parteċipanti ħadniehom jaraw wirja relatata mal-Ġimgħa Mqaddsa.

**48.04.12** Nhar l-01.04.25 irċevejna Ċir. AKL 2025/027 - ICLEI Members: Apply for the 2025 Local Sustainability Award! 🌍 🏆 .

**48.04.13** Nhar l-01.04.25 il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali stednitna għat-tnedija uffiċċjali tal-għodda ta' awtovalutazzjoni tal-Awditjar Socjali. Dan l-avveniment se jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-għodda, l-applikazzjonijiet prattiċi tagħha u l-benefiċċji li toffri għat-tisħiħ tal-kwalità tas-servizz u r-responsabbiltà fi ħdan is-settur.

**48.04.14** Nhar l-01.04.25 il-Fondazzjoni għall-Konservazzjoni tan-naħla Maltija introduċiet in-Naħla Katerina, li hi mascot ġdid maħsuba biex timpenja u teduka lit-tfal dwar l-importanza tal-bijodiversità ta' Malta. Din l-inizjattiva hija possibbli permezz tas-Small Initiatives Support Scheme (SIS), li hija mmexxija mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat (MCVS) u appoġġjata mill-Ministeru għall-Inklużjoni u s-Settur tal-Volontarjat (MIV).

**48.04.15** Nhar l-01.04.25 l-AKL għaddietilna korrispondenza mibgħuta mill-ICLEI dwar il-webinar bl-isem ta' Mobility as a Right for Inclusive Urban Futures li ttella' nhar l-10 t'April 2025.

**48.04.16** Nhar it-02.04.25 il-President irċieva stedina mingħand il-Fondazzjoni Maltija għall-benessri tas-soċjetà għall-konferenza tal-Kunsill Lokali tat-tfal li saret fit-12 t'April fil-Kulleġġ San Benedittu. L-avveniment hu mfassal sabiex juri l-ħidma eċċellenti tal-Kunsill tat-tfal filwaqt li jenfasizza l-impenn kondiviż sabiex trawwem parteċipazzjoni sinifikanti tat-tfal u setgħa lill-vuċijiet żgħażagħ permezz ta' din l-inizjattiva ffinanzjata mill-UE.

**48.04.17** Nhar it-02.04.25 il-Manager tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li Gal Xlokk se jkun qed jorganizza sezzjoni ta' informazzjoni onlajn nhar it-03.04.25. Se tkun qed tingħata informazzjoni dwar fondi li jaqgħu taħt miżura 3 – Marketing of territory u miżura 4 – Education and Research.

**48.04.18** Nhar it-02.04.25 il-Manager tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat lis-Sindki u s-Segretarji Eżekuttivi sabiex jgħaddulna l-informazzjoni/dokumentazzjoni meħtieġa għall-iskema SPI/SCI/03/2025 – Lokalitajiet aktar nodfa.

**48.04.19** Nhar it-02.04.25 ir-Reġjun Punent rebaħ għat-tieni sena konsekuttiva l-unur tal-Malta

Waste Reduction Awards bħala Best Performing Region .

**48.04.20** Nhar it-03.04.25 il-Manager tal-Fondi Lokali u Ewropej attendiet għal-laqgħa organizzata minn Gal Xlokk onlajn.

**48.04.21** Nhar it-03.04.25 il-President irċieva invit minn Project Green b'kollaborazzjoni mal-Ministeru tal-Ambjent, Enerġija u riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir għat-tnedija uffiċjali ta' Parks In Malta. L-avveniment kien ikkanċellat.

**48.04.22** Nhar it-03.04.25 irċevejna mill-Wasteserv Malta il-ftehim draft ta' rimborż organiku bejn il-WSM u r-Reġjun.

**48.04.23** Nhar it-03.04.25 irċevejna mingħand id-Direttur Galea rigward is-servizz addizzjonali tal-ġbir tal-skart mitlub skont il-klawsola 20.6 li jiskadi fit-18.05.25. Ir-Reġjun Punent għandu jitlob lid-dipartiment tal-kuntratti l-approvazzjoni ta' addendum ieħor għall-kuntratt. Bagħtilna mudell ta' BOQ li għandu jintuża biex tintalab kwotazzjoni mingħand il-Kuntrattur għal sena oħra ta' servizz li tibda malli jiskadi l-addendum eżistenti.

**48.04.24** Nhar it-02.04.25 il-Manager tal-Ambjent kellu laqgħa mal-kumpanija FACES rigward il-bus shelters.

**48.04.25** Nhar l-04.04.25 il-Manager tal-Ambjent informa lill-Kunsilli Lokali dwar il-fond tal-islow street u tactical urbanism li ser jinfetaħ nhar l-01.05.2025.

**48.04.26** Nhar l-04.04.25 il-President tal-AKL informa li ltaqa' mal-Enemalta dwar SOP li kien iffirmat fis-sena 2023. Deher ċar li s-sitwazzjoni attwali qed tiġi affettwata minn tilwima li għaddejja bejn l-Enemalta u l-kuntratturi privati li tressqet quddiem il-Public Contracts Review Board (PCRB). L-Enemalta infurmatna li bħalissa għaddejjin diskussjonijiet mal-istess kuntratturi privati biex jintlaħaq ftehim. Is-soluzzjoni proposta tinvolvi li x-xogħlijiet ta' installazzjoni mill-ġdid jiġu assenjati direttament lil dawn il-kuntratturi.

**48.04.27** Nhar is-07.04.25 irċevejna Case No 1836 u Case No 1837 - Application for Declaration of Ineffectiveness of a Contract - Tramuntana, Reġjun Punent, Reġjun Lvant, Reġjun Nofsinhar, Reġjun Għawdex and Enemalta plc fejn l-appellanti JF Mallia U Micamed Ltd waqqgħu l-kawża.

**48.04.28** Nhar is-07.04.25 irċevejna mill-AKL li ġie konkluż ir-rapport tal-laqgħa tas-Sindki. Talbu sabiex ir-Reġjun jew fil-laqgħa tax-xahar jew inkella f'laqgħa separata jiġi maqsum il-kontenut tar-rapport mas-Sindki rispettivi, ssir diskussjoni u jiġi approvat.

**48.04.29** Nhar is-07.04.25 irċevejna mis-Sur Agius talba għall-informazzjoni relatata ma' arranġamenti/ftehim bejn il-Kunsilli Reġjonali u l-Kunsilli Lokali fl-iżvilupp u t-titjib ta' latrini pubbliċi.

**48.04.30** Nhar it-08.04.25 il-Manager tal-Iskart bagħat il-lista ta' Hotspots hekk kif kien mitlub mill-ERA għall-iskeda li jmiss.

**48.04.31** Nhar id-09.04.25 il-Manager tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat lill-Kunsilli Lokali li l-Gal Majjistral fetaħ 4 miżuri ta' fondi**:**

Miżura 1 - Enriching Rural Heritage by Safeguarding Tangible and Intangible Elements;
Miżura 2 - Strengthening Short Supply Chains for Local Gastronomy;
Miżura 3 - Investing in Nature Connectedness, Protection and Enhancement of Biodiveristy Resources;
Miżura 4 - Knowledge of Sharing and Capacity-Building for Sustainable Development.

**48.04.32** Nhar id-09.04.25 ġie ppublikat il-Flipbook diġitali tal-Ġimgħa Mqaddsa 2025.

**48.04.33** Nhar id-09.04.25 irċevejna l-kwotazzjoni għas-servizz addizzjonali tal-ġbir tal-iskart 2025 - Reġjun Punent.

**48.04.34** Nhar id-09.04.25 irċevejna mill-EUPA fejn infurmawna dwar il-programmi Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà li jippreżentaw opportunitajiet ta' valur għall-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ biex jidħlu fi proġetti ta' impatt. Erasmus+: Dawn il-proġetti jippermettu lil gruppi ta' żgħażagħ minn pajjiżi differenti biex jiltaqgħu u jgħixu flimkien sa 21 jum, li jieħdu sehem f'attivitajiet iċċentrati fuq tema ta' interess reċiproku. L-għanijiet huma li jitrawwem djalogu interkulturali, jissaħħu l-ħiliet u jippromwovu ċittadinanza attiva.

**48.04.35** Nhar l-10.04.25 irċevejna ittra mis-Sur Karl Naja sabiex nagħtu appoġġ għal proġett li l-MSSA qed jipparteċipaw fih bħala msieħba.

**48.04.36** Nhar l-10.04.25 is-Segretarju Eżekuttiv għaddiet informazzjoni lis-Sindki miksuba mill-Manager tal-Fondi Lokali u Ewropej rigward European Capital, City and Village of Christmas 2026.

**48.04.37** Nhar it-12.04.25 sar it-turnament tal-futbol ġewwa l-Imqabba fejn il-parteċipanti ħadniehom jaraw wirjiet relatati mal-Ġimgħa Mqaddsa mtellgħa mis-Soċjetajiet Mużikali.

**48.04.38** Nhar it-12.04.25 ittellgħet il-5K Marathon/Walkathon through historical landmarks mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop fejn ġew utilizzati fondi kulturali.

**48.04.39** Nhar it-12.04.25 ittellgħet il-Pagent bl-isem - Ġesù t-Tama Tagħna - mill-Kunsill Lokali ta' Ħad-Dingli fejn ġew utilizzati fondi kulturali.

**48.04.40** Nhar it-12.04.25 ittella' l-Kunċert bl-isem - Ikun li Trid Int - mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi fejn ġew utilizzati fondi kulturali.

**48.04.41** Nhar l-14.04.25 irċevejna minn Ewropa Kreattiva tfittxijiet ta' msieħba għas-sejħa għall-kooperazzjoni Ewropea.

Nru 1 - Tiftix ta' Msieħba mil-Litwanja Settur/Qasam tat-Tiftix tal-Imsieħba: Arti tal-ispettaklu, wirt kulturali. – Tiftix ta' proġetti fuq skala żgħira li jiffokaw fuq il-preservazzjoni u l-promozzjoni tal-kultura folkloristika u l-identità tagħha.

Nru 2 - Tiftix ta' Msieħba mil-Litwanja Settur/Qasam tat-Tiftix tal-Imsieħba: Arti tal-ispettaklu, wirt kulturali - Jixtiequ jiżviluppaw proġett li jippromwovi u jippreserva l-wirt għani tal-mużika folkloristika, żfin, u kanzunetta billi jorganizzaw programm tat-tours fejn klabbs kulturali minn reġjuni differenti jivvjaġġaw madwar l-Ewropa u juru l-forom tal-arti tradizzjonali tagħhom. Din l-inizjattiva tfittex li trawwem skambju kulturali, issaħħaħ ir-rabtiet komunitarji u tipprovdi esperjenza immersiva għal udjenzi interessati fit-tradizzjonijiet folkloristiċi.

Nru 3 - Tiftix ta' Msieħba mil-Litwanja Settur/Qasam tat-Tiftix tal-Imsieħba: Innovazzjoni fil-libreriji, ċentri kulturali, edukazzjoni tat-tfal u tal-anzjani fil-libreriji, attivitajiet ta' taħriġ għal-libreriji, taħriġ ta' voluntiera, inklużjoni diġitali, promozzjoni u għarfien, proġetti tal-komunità lokali. Jixtiequ jingħaqdu ma' proġetti relatati mal-aċċessibbiltà tal-mużewijiet u l-wirt kulturali inġenerali.

Nru 4 - Tiftix ta' Msieħba mil-Litwanja Settur/Qasam tat-Tiftix tal-Imsieħba: Wirt kulturali - Jixtiequ jingħaqdu ma' proġetti relatati mal-aċċessibbiltà tal-mużewijiet u l-wirt kulturali inġenerali.

Nru 5 - Tiftix ta' Msieħba mil-Litwanja Settur/Qasam tat-Tfittxija tal-Imsieħba: Wirt kulturali, arti viżiva - Qegħdin ifittxu msieħba għall-proġett li ġej: Jippreservaw bini abbandunat mill-aħħar tas-seklu 20 f'pajjiżi tal-UE bħala wirt kulturali, speċjalment dawk marbuta ma' avvenimenti jew figuri sinifikanti. Jinvolvi artisti minn madwar l-UE

biex joħolqu xogħlijiet tal-arti murali professjonali li jsaħħu l-identità lokali, jikkommemoraw l-istorja u jonoraw individwi notevoli, partikolarment f'komunitajiet remoti. Ittrasforma l-interjuri tal-bini f'ċentri tal-arti murali - li jservu bħala ċentru ta' informazzjoni għall-periti, disinjaturi, restawraturi u artisti - waqt li toħloq spazju attraenti biex jattira kemm turisti kif ukoll viżitaturi regolari.

Nru 6 - Tiftix ta' Msieħba mill-Greċja Settur/Qasam tat-Tiftix tal-Imsieħba: prestazzjonijiet Klassiċi jew Sperimentali.

Nru 7 - Tiftix ta' Msieħba mill-Greċja Settur/Qasam tat-Tiftix tal-Imsieħba: Arti tal-ispettaklu wirt kulturali, arti viżiva, arkitettura, arti u teknoloġija, diġitalizzazzjoni, timijiet emarġinati, sostenibbiltà, ilma, komunitajiet vulnerabbli, spazju pubbliku, tibdil fil-klima.

Nru 8 - Tiftix ta' Msieħba mill-Greċja Settur/Qasam tat-Tiftix tal-Imsieħba: Wirt Kulturali, Transizzjoni Diġitali fis-Settur Kulturali, Kultura Ewropea u Ekoloġija.

Nru 9 - Tiftix ta' Msieħba minn Franza Settur/Qasam tat-Tiftix tal-Imsieħba: Arti viżwali, proġetti li jinvolvu udjenzi 'l bogħod mill-kultura, proġetti bi kwistjonijiet soċjetali.

Nru 10 - Tiftix ta' Msieħba minn Spanja Settur/Qasam tat-Tiftix tal-Imsieħba: edukazzjoni, innovazzjoni u teknoloġija.

Nru 11 - Tiftix ta' Msieħba mill-Polonja Settur/Qasam tat-Tiftix tal-Imsieħba: arti tal-ispettaklu, wirt kulturali, arti viżiva, letteratura, arkitettura, arti u teknoloġija u oqsma oħra.

Nru 12 - Tiftix ta' Msieħba minn Spanja Settur/Qasam tat-Tiftix tal-Imsieħba: Letteratura, pubblikazzjoni, promozzjoni tal-qari, illustrazzjoni u komiks.

Nru 13 - Tiftix ta' Msieħba mill-Ungerija Settur/Qasam tat-Tiftix tal-Imsieħba: infittxu koordinaturi tal-proġetti jew konsorzju fejn l-esperjenza tagħna fix-xogħol taż-żgħażagħ, is-sostenibbiltà u l-impenn ambjentali bbażat fuq l-arti hija rilevanti. L-imsieħba ideali jaħdmu fl-oqsma tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ, il-kultura sostenibbli, l-edukazzjoni dwar il-klima, jew prattiki artistiċi relatati mat-trasformazzjoni ambjentali.

Nru 14 - Tiftix ta' Msieħba mill-Finlandja Settur/Qasam: Wirt kulturali.

Nru 15 - Tiftix ta' Msieħba mill-Ungerija Settur/Qasam tat-Tiftix tal-Imsieħba: kritika kulturali, attività ġurnalistika pubblika edukattiva, sensitizzazzjoni f'minoranzi kulturali u oħrajn.

Nru 16 - Tiftix ta' Msieħba mill-Polonja Settur/Qasam tat-Tiftix tal-Imsieħba: wirt kulturali, arti viżiva, arti u teknoloġija, industrija tas-settur kreattiv, programmi ta' taħriġ u żvilupp għall-persunal tal-industrija kulturali u kreattivi.

Nru 17 - Tiftix ta' Msieħba mill-Polonja Settur/Qasam tat-Tiftix tal-Imsieħba: arti performattiva, arti viżiva, arti u teknoloġija, residenzi tal-arti, kultura sostenibbli, benesseri, edukazzjoni kulturali u festivals.

Nru 18 - Tiftix ta' Msieħba mil-Latvja Settur/Qasam tat-Tiftix tal-Imsieħba: wirt kulturali, arti viżiva u arkitettura.

**48.04.42** Nhar il-15.04.25 is-Segretarju Eżekuttiv ġiet mistiedna għal-laqgħa ta' konsultazzjoni onlajn għall-Awtoritajiet Lokali. Il-preżentazzjoni tikkunsidra PA 05452/24 - Siti f'Tattingers Club, Rainbow Apartments, Properties 1, 5, 6, 8, Telgħa tas-Saqqajja u Property 1, Triq tal-Infetti, Mdina. L-iskop ta' din il-konsultazzjoni huwa li tikkomunika

u tinvolvi ruħha mal-partijiet milquta dwar il-proposta u l-impatt tagħha fuq iż-żona immedjata u l-Lista Tentattiva tal-WHC tal-UNESCO. L-għan ewlieni huwa li tinforma lill-Heritage Impact Assessment u tirraporta lill-SCH l-fehmiet tal-partijiet milquta u tirreġistra, tissorvelja u tippreżenta s-sejbiet.

**48.04.43** Nhar il-15.04.25 il-Manager tal-Ambjent kellu laqgħa mal-Inġinier Lewis rigward id-dwal tat-toroq u t-tħejjija tat-tender f'dan rigward.

**48.04.44** Nhar il-15.04.25 irċevejna mis-STEM f'isem it-tim tal-Ingaġġ STEM f'Esplora Interactive Science Centre li nedew ir-raba' edizzjoni tan-National STEM Community Fund. L-għan huwa li jispira d-disinn u jippermetti l-implimentazzjoni ta' proġetti bbażati fil-komunità bbażati fuq ix-Xjenza, it-Teknoloġija, l-Inġinerija u l-Matematika (STEM).

**48.04.45** Nhar il-15.4.25 irċevejna mingħand is-SEM li ġiet ippubblikata sejħa ġdida relatata mal-ġemellaġġ tal-ibliet taħt il-programm taċ-ċittadini, l-ugwaljanza, id-drittijiet u l-valuri (CERV).

**48.04.46** Nhar is-16.04.25 il-Manager tal-iskart kellu laqgħa mal-Kunsill Lokali tar-Rabat rigward is-sitwazzjoni tal-iskart fir-rural.

**48.04.47** Nhar is-16.04.25 il-Manager tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li l-Malta Council for Voluntary Sector (MCVS) ser torganizza żewġ sessjonijiet ta' informazzjoni dwar fondi maħruġa minnha li għaqdiet volontarji jistgħu jibbenefikaw minnhom.

**48.04.48** Nhar is-16.04.25 il-Manager tal-Proġetti bagħat l-aħħar aġġornamenti tal-fondi tal-LESA li baqalhom ċertu Kunsilli. Informa li jekk dawn ma jintużawx sal-aħħar ta' April, ser jiġu trasferiti lill-kunsilli li diġà għamlu użu mill-fondi allokati lilhom.

**48.04.49** Nhar is-16.04.25 irċevejna Ċir. AKL 2023/045 - LESA - Fondi għall-Infurzar waqt l-Attivitajiet fil-Lokal. Fejn infurmawna sabiex naġġornaw id-dokument tal-pagamenti kollha li ħareġ ir-Reġjun sa nhar it-23.04.25.

**48.04.50** Nhar is-17.04.25 saret l-attività kulturali tal-Mixgħela 2025 imtellgħa mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi fejn ġew utilizzati fondi kulturali.

**48.04.51** Nhar id-19.04.25 is-Sur Agius infurmana li d-direttorat ġie mitlub jipprovdi informazzjoni aġġornata dwar Open-Air Gyms BISS jew kwalunkwe tip ta' tagħmir simili li jinsab fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex. Din l-inizjattiva qed titwettaq bħala parti minn miżura tal-manifest elettorali, li matul din il-leġislatura taqa' taħt ir-responsabbiltà diretta tad-Direttorat.

**48.04.52** Nhar il-21.04.25 irċevejna PQ 26525 - Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali – Infiq fuq reklamar. Sabiex nikkonfermaw li l-ammonti ma jinkludux: Ħlas marbut ma' DOI, Produzzjoni tar-reklam, airtime għal intervisti, slots edukattivi, artikli u VAT man-nefqa.

Ir-Reġjun ma kellu ebda nefqa simili.

**48.04.53** Nhar it-22.04.25 irċevejna mill-Punt Nazzjonali URBACT u l-Punt ta' Kuntatt Urban f'Malta (NUP-UCP Malta) fi ħdan id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, b'kollaborazzjoni mas-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali, Servizzi Ewropej f'Malta (SEM) u l-Awtorità tal-Ippjanar (PA), stednuna għal Business Breakfast tal-EUI u l-URBACT Info Session li ser issir nhar is-07.05.25. Dan l-avveniment se jipprovdi informazzjoni dwar l-Inizjattiva Urbana Ewropea (EUI) u l-Programmi URBACT. B'enfasi partikolari fuq is-sejħa li għaddejja għal Transfers Network li ġiet imnedija fl-01.04.2025 u fuq City to City Exchange li hija sejħa miftuħa kontinwa.

**48.04.54** Nhar it-22.04.25 il-Manager tal-iskart bagħat l-applikazzjoni ta' fondi SPI/SCI/03/2025 – Lokalitajiet Aktar Nodfa 2025 b'kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ħal Kirkop, L-Imqabba, Il-Qrendi, Ir-Rabat (Malta), Ħal Safi u ż-Żurrieq.

**48.04.55** Nhar it-23.04.25 irċevejna l-approvazzjoni ta’ CT2136-2022 - Addendum No 3 to Contract Agreement.

**48.04.56** Nhar l-24.04.25 irċevejna Ċir. AKL 2025/029 - Urgent Action Required on Pending PA-Funded Projects. Ġibdu l-attenzjoni dwar proġetti li ilhom żmien twil iffinanzjati permezz tal-PA. Wara komunikazzjoni nsibu li ħafna Kunsilli Lokali għandhom proġetti pendenti, li wħud minnhom imorru lura għal aktar minn tliet snin, fejn jew ġie applikat jew ikkuntrattat finanzjament, iżda ma sar l-ebda progress sostanzjali jew komunikazzjoni riċenti. Kif enfasizzat mill-PA, huwa kruċjali li l-fondi kollha disponibbli jiġu utilizzati b’mod effiċjenti u li l-proġetti pjanati jew li bħalissa qed isiru jiġu konklużi. Meta jkun impossibbli li jitlestew il-proġetti fi żmien stipulat, għandu jiġi sottomess aġġornament tal-istatus ċar u dettaljat lill-Awtorità tal-Ippjanar sal-Ġimgħa, 30 ta’ Mejju 2025. Dan jgħin biex jiġi żgurat li l-fondi ma jibqgħux mhux użati u li l-ebda ammont ma jrid jintbagħat lura minħabba inattività.

**48.04.57** Nhar il-25.04.25 irċevejna Ċir. AKL 2025/030 - Stedina minn MOVE u The Malta Street Sports Alliance dwar avveniment tal-proġett tagħhom Pump It: Empowered Through Sports.

**48.04.58** Nhar is-27.04.25 sar futbol turnament ġewwa ż-Żurrieq fejn il-parteċipanti ħadniehom jaraw is-sit ta’ fuq il-Ġibjun fejn esploraw bandli sensorjali u ingħataw tagħrif fuq il-gżira ta’ Filfla.

**48.04.59** Nhar it-28.04.25 irċevejna mingħand id-DLG Impożizzjoni ta’ penali fuq il-Kuntratti tal-iskart. Dawn huma proċeduri li rridu nimxu magħhom f’dan ir-rigward.

**48.04.60** Dan ix-xahar ġew installati is-CCTVs li kien għad fadal pendenti. Għandu jkollna laqgħa mal-kuntrattur AIS sabiex nagħlqu l-kontijiet u jibda jitħaddem il-pjan ta’ manutenzjoni.

**48.04.61** Nhar l-01.05.25 ser nikkollaboraw f’The Mqabba 5K Run & Walkathon in aid of ALS Malta.

**48.05 Tweġibiet għall-mistoqsijiet.**

**48.05.01** Is-Sindku tas-Siġġiewi staqsa jekk il-flus li tħallsu bħala arretrati tal-Ftehim Kollettiv tal-ħaddiema klerikali, humiex ser ikunu koperti mid-DLG. Il-President wieġeb li hekk kien imħabbar fil-midja lokali.

**48.05.02** Is-Sindku tas-Siġġiewi staqsa fiex wasal it-tender tal-dwal fit-toroq. Il-President wieġeb illi beda l-proċess mill-Manager tal-Ambjent billi kellu laqgħat mal-Enemalta f’dan ir-rigward.

**48.05.03** Is-Sindku ta’ Ħal Safi staqsa jekk hux se jkun qed jinħareġ mill-ġdid il-Fond tal-LESA li jintuża biex ikopri spejjeż ta’ wardens, pulizija u CPD waqt attivitajiet fil-lokal. Il-president informa li l-President tal-AKL infurmana li sal-lum u wara talbiet li saru għad ma kienx hemm konferma.

**48.06 Tqegħid ta’ Dokumenti / Rapporti.**

**48.06.01** Kwotazzjoni RFQ217/2024 – Request For Quotation for the Hire of Small/Medium Car.

**48.06.02** Rapporti tal-Managers.

**48.06.03** Audited Financial Statements.

**48.06.04** Rapport Finanzjarju Q1 2025.

**48.07 Approvazzjoni ta' Xiri**

**48.07.01** Kwotazzjoni RFQ217/2025 – Request for Quotation for the Hire of Small/Medium Car.

Il-President informa li ntbagħtu 4 inviti għall-kwotazzjoni li minnhom irċevejna żewġ offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Safi s-Sur Johan Mula.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**48.08 Skeda tal-Pagamenti Nu.36**

Il-President Sandro Azzopardi ressaq għall-approvazzjoni l-iskeda tal-pagamenti Numru 36.

Proponent: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi s-Sur David M. Schembri.
Sekondant: Is-Sindku tas-Siġġiewi s-Sur Julian Borg.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**48.09 Audited Financial Statements.**

Il-President, wara l-ispjega tal-accountant, preżenta u propona l-approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Safi s-Sur Johan Mula.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**48.10 Rapport Finanzjarju Q1 2025.**

Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-President ippreżentaw ir-rapport tal-Ewwel Kwart tas-sena. Il-President, wara l-ispjega tal-accountant, ressaq għall-approvazzjoni tiegħu.

Sekondant: Is-Sindku tas-Siġġiewi s-Sur Julian Borg.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**48.11 Rapporti tal-Managers.**

**48.11.01 Rapport tal- Manager tal-Iskart.**

Il-President ippreżenta għall-approvazzjoni r-rapport tal-Manager tal-Iskart għall-perjodu minn Jannar sa Marzu 2025.

Sekondant: Is-Sindku tas-Siġġiewi, is-Sur Julian Borg.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**48.11.02 Rapport tal-Manager tal-Ambjent.**

Il-President ippreżenta għall-approvazzjoni r-rapport tal-Manager tal-Ambjent għall-perjodu minn Jannar sa Marzu 2025.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Safi s-Sur Johan Mula.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**48.11.03 Rapport tal-Manager tal-Proġetti.**

Il-President ippreżenta għall-approvazzjoni r-rapport tal-Manager tal-Proġetti għall-perjodu bejn Jannar sa Marzu 2025.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi s-Sur David M. Schembri.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**48.11.04 Rapport tal-Manager tal-IT.**

Il-President ippreżenta għall-approvazzjoni r-rapport tal-Manager tal-IT għall-perjodu bejn Jannar sa Marzu 2025.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Safi s-Sur Johan Mula.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**48.11.05 Rapport tal-Manager tal-Kultura.**

Il-President ippreżenta għall-approvazzjoni r-rapport tal-Manager tal-Kultura għall-perjodu bejn Jannar sa Marzu 2025.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi s-Sur David M. Schembri.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**48.11.06 Rapport tal-Manager tal-Fondi Lokali u Ewropej.**

Il-President ippreżenta għall-approvazzjoni r-rapport tal-Manager tal-Fondi Lokali u Ewropej għall-perjodu bejn Jannar sa Marzu 2025.

Sekondant: Il-Kunsillier ta' Ħaż-Żebbuġ is-Sur Mario Attard.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**48.12 Garaxx għall-użu ta' Reġjun Punent.**

Il-President informa li l-kuntratt tal-Garaxx ser jagħlaq f'Awwissu ta' din is-sena (2025). Ippropona sabiex wara li pruvajna mingħajr suċċess li nsibu garaxx akbar / l-istess u aktar konvenjenti fosthom ġewwa s-Seminarju stess, inżommu li għandna ġewwa ż-Żurrieq bi spiża ta' €1,500.

Sekondant: is-Sindku ta' Ħal Safi s-Sur Johan Mula.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**48.13 Materji Oħra.**

**48.13.01 European Week of Regions and Cities.**

Il-President ippropona li għall-edizzjoni tal-European Week of Regions and Cities ta' din is-sena li ser issir ġewwa Brussell bejn it-13 u l-15 t'Ottubru jattendu is-SE, il-Managers tal-EU u Fondi Lokali u l-Kultura u propona li jħallas l-ispejjeż ta' titjiriet tal-biljett tal-ajru lil rappreżentant minn kull Kunsill Lokali fir-Reġjun. L-importanza li min jitla' jrid jattendi għall-attivitajiet imtellgħa. Ġie maqbul li f'każ li individwu jbiddel il-ħsieb jew ma jkunx jista' jattendi jrid jirrifondi l-flus lura lir-Reġjun ġaladarba jkunu nqatgħu l-biljetti.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi s-Sur David M. Schembri.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**48.13.02 Xiri ta' Kotba lil-Librerija tal-Ambaxxata Maltija.**

Il-President ippropona sabiex nagħtu għotja ta' Eur 200 kotba miktuba minn awturi fir-Reġjun għal-librerija tal-Ambaxxata Maltija fi Brussell.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Safi s-Sur Johan Mula.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**48.13.03 Programm Niċeċ.**

Il-President għarraf li l-ewwel żewġ staġuni tlestew u għaldaqstant qed jipproponi sabiex napprovaw it-tielet skeda u b'hekk nkopru n-niċeċ kollha fi ħdan ir-Reġjun Punent li konna nafu bihom.

Sekondant: Il-Kunsillier ta' Ħaż-Żebbuġ is-Sur Mario Attard.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**48.13.04 Attivitajiet tal-Milied.**

Il-President ippropona li wara s-suċċess tal-Flipbook tal-attivitajiet tal-Ġimgħa Mqaddsa, ir-Reġjun iħejji Flipbook simili bl-attivitajiet tal-festi tal-Milied.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Safi s-Sur Johan Mula.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**48.13.05 Żurrieq Run.**

Il-President semma li l-Isport huwa qasam li r-Reġjun Punent jippromwovi u propona sabiex ir-Reġjun jiffinanzja l-ispejjeż tal-ġirja taż-Żurrieq li ser issir nhar l-01.06.2025. Ukoll fuq suġġeriment tas-Sindku ta' Ħal Safi fejn qal li hemm nuqqas ta' għaqdiet sportivi fil-lokal, il-President propona sabiex f'Diċembru jiffinanzja l-ispejjeż tal-ġirja 5K li tittella' ma' Rush Athletics Club.

Sekondant: Is-Sindku taż-Żurrieq is-Sa Rita Grima.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**48.13.06 Palazzo Notabile.**

Il-President semma li qed jippjana sabiex Palazzo Notabile fl-Imdina, jkun jista' jintuża għall-attivitajiet meta r-Reġjun ikun Kapitali tal-Kultura fl-2027. Għaldaqstant qed jipproponi sabiex ir-Reġjun jara l-istat tiegħu u jikkordina mad-Dipartimenti tal-Gvern Ċentrali sabiex issirlu l-manutenzjoni meħtieġa. Ukoll jikkommetti li spejjeż żgħar li ma jsirux mid-dipartimenti, ikopriehom ir-Reġjun.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi s-Sur David M. Schembri.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**48.13.07 Trasport minn Reġjun Punent għal Attivitajiet Kulturali.**

Il-President propona sabiex ir-Reġjun jipprovdi 5 darbiet f'sena trasport b'xejn sa massimu ta' kowċ għal attivitajiet kulturali li jorganizzaw il-Kunsilli Lokali fuq talba tal-istess kunsilli u/jew speċjalment meta l-attività jkollha finanzjamanet mir-Reġjun.

Sekondant: Is-Sindku tas-Siġġiewi s-Sur Julian Borg.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**48.13.08 Grant Agreement tal-Fondi tal-Kultura.**

Il-President ippropona li skont rakkomandazzjoni mill-awdituri r-Reġjun japprova Grant Agreement bejn Reġjun Punent u kull Kunsill Lokali fuq il-fondi li jingħataw għal attivitajiet Kulturali b'aġġustament rakomandat mis-Sindku ta' Ħal Safi li tiġi rranġata l-proposta kulturali u jiżdied spazju fejn jiffirma l-organizzatur.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Safi s-Sur Johan Mula.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**48.13.09 Agreement for Reimbursement for the Collection of Household and Cemeteries Organic Waste with Wasteserv.**

Il-President ressaq għall-approvazzjoni l-kuntratt għal rimbors tal-ġbir tal-iskart organiku mid-djar u ċ-ċimiterji għas-sena 2025.

Sekondant: Il-Sindku ta' Ħal Safi s-Sur Johan Mula.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**48.13.10 Addendum To Contract Agreement for Additional collections – Commercial waste**

Il-President ressaq għall-approvazzjoni l-addendum għall-kuntratt fuq il-ġabra addizzjonali tal-iskart riċiklabbli tal-kummerċjal u skart organiku u mħallat miċ-ċimiterji għas-sena 2025.

Sekondant: Il-Kunsillier ta' Ħaż-Żebbuġ is-Sur Mario Attard.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**48.14 Tmiem il-laqgħa**

Il-laqgħa ntemmet fis-19:45 u l-President informa li l-laqgħa għas-seduta li jmiss ser tinżamm nhar **it-Tnejn 19 ta' Mejju, 2025 fil-17:30.**

Sandro Azzopardi
President Reġjun Punent

Tania Farrugia
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum